



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' Jannar 2023  
(OR. en)

15670/22  
PV CONS 76  
TRANS 773  
TELECOM 515  
ENER 661

**ABBOZZ TA' MINUTI**  
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA  
(Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija)  
5 u 6 ta' Diċembru 2022

## WERREJ

### Pàgna

1.	Adozzjoni tal-aġenda .....	4
2.	Approvazzjoni tal-punti "A" Lista mhux leġiżlattiva .....	4

### TRASPORT

#### Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

3.	Reviżjoni tar-Regolament dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-Network trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T).....	5
----	--	---

#### Attivitajiet mhux leġiżlattivi

4.	Konklużjonijiet dwar l-iżvilupp li qed isir fit-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni (NAIADES III).....	5
----	---	---

#### Affarijiet oħra

5.	(a) It-tisħiħ tas-sostenibbiltà u l-ekwità tas-settur tal-avjazzjoni.....	5
	(b) Relazzjonijiet tat-trasport mal-Ukrajna .....	6
	(c) Xejriet tas-sikurezza fit-toroq u sforzi msaħħa biex jintlaħqu l-miri tas-sikurezza fit- toroq .....	6
	(d) Laqgħa tal-Grupp Rappreżentattiv tal-Istati tas-CCAM (Sħubija Ewropea għal Mobbiltà Konnessa, Kooperattiva u Awtomatizzata) (Praga, 29 ta' Novembru 2022): Eżitu.....	6
	(e) Proposti leġiżlattivi attwali .....	6
	i) Regolamenti dwar l-Ajru Uniku Ewropew 2 +	
	ii) Deċiżjoni dwar ir-rekwiżiti ta' kumpens tal-iskema CORSIA	
	iii) Regolament dwar l-iżgurar ta' kondizzjonijiet ekwi għal trasport bl-ajru sostenibbli (inizjattiva ReFuelEU Aviation)	
	iv) Regolament dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi u li jħassar id- Direttiva 2014/94/UE	
	v) Reviżjoni tad-Direttiva dwar il-qafas għall-varar ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti (ITS)	
	vi) Regolament dwar l-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju fit-trasport marittimu (inizjattiva FuelEU Maritime)	
	vii) Direttiva li temenda d-Direttiva 2003/25/KE fir-rigward tal-inklużjoni ta' rekwiżiti mtejba tal-istabbiltà għall-vapuri ro-ro tal-passiġġieri	
	(f) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss .....	7

## TELEKOMUNIKAZZJONIJIET

### Deliberazzjonijiet leġislattivi

6. Regolament li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali) u li jemenda ċerti atti leġislattivi tal-Unjoni..... 8
7. Regolament li jemenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 fir-rigward l-istabbiliment ta' qafas għal Identità Diġitali Ewropea..... 8
8. Regolament li jistabbilixxi regoli armonizzati għall-aċċess għad-data u għall-użu tagħha (Att dwar id-Data) ..... 8
9. Regolament dwar ir-rekwiżiti orizzontali taċ-ċibersigurtà għal prodotti b'elementi diġitali u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020..... 8

### Attivitajiet mhux leġislattivi

10. Ħiliet diġitali għad-Deċennju Diġitali ..... 9

### Affarijiet oħra

11. (a) Appoġġ fit-telekomunikazzjoni għall-Ukrajna ..... 9
  - (b) Proposti leġislattivi attwali ..... 9  
Regolament dwar ir-rispett għall-ħajja privata u l-protezzjoni ta' data personali f'komunikazzjoni elettronika (Regolament dwar il-Privatezza Elettronika)
  - (c) Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali ..... 9
  - (d) Inizjattivi internazzjonali fil-qasam diġitali (b'enfasi fuq it-TTC u s-sħubijiet diġitali): sitwazzjoni attwali ..... 9
  - (e) Laqgħa ta' esperti ta' livell għoli dwar il-governanza u l-infurzar tar-regoli tal-Unjoni fl-isfera diġitali (virtwali, 17 ta' Ottubru 2022) ..... 9
  - (f) Konferenza dwar il-Futur Diġitali Sigur u Innovattiv tal-UE (Praga, 3-4 ta' Novembru 2022) ..... 10
  - (g) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss ..... 10
- ANNEX - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill ..... 11

\*\*\*

## LAOGHA TAT-TNEJN 5 TA' DIĊEMBRU 2022

### 1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 15323/22.

### 2. Approvazzjoni tal-punti "A"

**Lista mhux leġiżlattiva** 15463/22

Il-Kunsill adotta l-punti "A" elenkati fid-dokument 15463/22 inkluż id-dokumenti COR u REV li ġew ippreżentati għall-adozzjoni.

Għall-punt li ġej, id-dokumenti għandhom jaqraw kif ġej:

### Atti Delegati jew ta' Implimentazzjoni

#### **Suq Intern u Industrija**

11. Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE).../... tal-5.10.2022 li temenda d-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aġġornament tal-lista ta' prodotti relatati mad-difiża f'konformità mal-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea aġġornata tal-21 ta' Frar 2022 15135/22  
13374/22  
+ **COR 1 (cs)**  
+ ADD 1  
MI  
*Att delegat - Intenzjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet*  
approvat mill-Coreper, Parti 1, fit-30.11.2022

## TRASPORT

### Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

#### Orizzontali

3. **Reviżjoni tar-Regolament dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-Network trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T)**  15058/22  
*Approċċ ġenerali*  
+ ADD 1-3  
+ ADD 4 REV 1  
+ ADD 5 REV 1  
+ ADD 6-19  
+ **ADD 20 REV 1**  
+ ADD 21-47

Il-Kunsill qabel dwar Approċċ Ġenerali dwar il-proposta għar-Reviżjoni tar-Regolament dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-Network trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T) kif jinsab fid-dokument 15058/22 u l-addenda tiegħu.


### Attivitajiet mhux leġiżlattivi

#### Trasport fl-Ilmijiet Navigabbli Interni

4. **Konklużjonijiet dwar l-iżvilupp li qed isir fit-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni (NAIADES III)**  14847/22  
*Approvazzjoni*

Il-Kunsill approva l-konklużjonijiet kif ippreżentati fid-dokument 14847/22.


### Affarijiet oħra

5. a) **It-tisħiħ tas-sostenibbiltà u l-ekwità tas-settur tal-avjazzjoni**  15380/22  
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Franċiża, Belġjana, Lussemburgiża, tan-Netherlands u dik Portugiża*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Franċiża, Belġjana, Lussemburgiża, Netherlandiża u Portugiża.

- b) **Relazzjonijiet tat-trasport mal-Ukrajna**  15587/22 + **COR 1**  
*Informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni*



Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza u l-Kummissjoni.

- c) **Xejriet tas-sikurezza fit-toroq u sforzi msaħħa biex jintlaħqu l-miri tas-sikurezza fit-toroq**  15078/22  
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

- d) **Laqgħa tal-Grupp Rappreżentattiv tal-Istati tas-CCAM (Sħubija Ewropea għal Mobbiltà Konnessa, Kooperattiva u Awtomatizzata) (Praga, 29 ta' Novembru 2022): Eżitu**  15488/22  
*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

- e) **Proposti leġislattivi attwali** (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)  

- i) **Regolamenti dwar l-Ajru Uniku Ewropew 2 +** 10840/20+ ADD 1

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza. Id-delegazzjoni Irlandiża, Finlandiża u Maltija ppreżentaw dikjarazzjoni bil-miktub li hija inkluża fid-dokument 16231/22.

- ii) **Deċizzjoni dwar ir-rekwiżiti ta' kumpens tal-iskema CORSIA** 10869/21 + COR 1

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

- iii) **Regolament dwar l-iżgurar ta' kondizzjonijiet ekwi għal trasport bl-ajru sostenibbli (inizjattiva ReFuelEU Aviation)**

10884/1/21 REV 1  
+ **REV 2 (da)**  
10884/21 ADD 1

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

- iv) **Regolament dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi u li jħassar id-Direttiva 2014/94/UE**

10877/21+ ADD 1

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

- v) **Reviżjoni tad-Direttiva dwar il-qafas għall-varar ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti (ITS)**

15114/21+ ADD 1

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

- vi) **Regolament dwar l-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju fit-trasport marittimu (inizjattiva FuelEU Maritime)**

10327/21+ ADD 1

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

- vii) **Direttiva li temenda d-Direttiva 2003/25/KE fir-rigward tal-inklużjoni ta' rekwiżiti mtejba tal-istabbiltà għall-vapuri ro-ro tal-passiġġieri**

6405/22+ ADD 1

*Informazzjoni mill-Presidenza*


Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

- f) **Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss**  
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Żvediża*

**TELEKOMUNIKAZZJONIJIET**

**Deliberazzjonijiet leġiżlattivi**


**(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**

6. **Regolament li jistabilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali) u li jemenda ċerti atti leġiżlattivi tal-Unjoni**  14954/22  
*Approċċ ġenerali* + ADD 1


Il-Kunsill approva b'mod unanimu approċċ ġenerali kif jinsab fid-dokument 14954/22.

7. **Regolament li jemenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 fir-rigward l-istabiliment ta' qafas għal Identità Diġitali Ewropea**  14959/22  
*Approċċ ġenerali* + ADD 1-2

Il-Kunsill approva b'mod unanimu approċċ ġenerali kif jinsab fid-dokument 14959/22.

8. **Regolament li jistabilixxi regoli armonizzati għall-aċċess ġust għad-data u għall-użu tagħha (Att dwar id-Data)**  15213/22  
*Rapport ta' progress*


Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ta' progress.

9. **Regolament dwar ir-rekwiżiti orizzontali taċ-ċibersigurtà għal prodotti b'elementi diġitali u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020**  14477/22  
*Rapport ta' progress*

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ta' progress.

## Attivitajiet mhux leġiżlattivi

### 10. **Ħiliet diġitali għad-Deċennju Diġitali**<sup>1</sup>

 14868/22

*Dibattitu ta' orjentazzjoni*



Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet abbażi ta' dokument ta' diskussjoni pprovdut mill-Presidenza. Il-Ministri enfasizzaw l-importanza ta' programmi tat-tagħlim tul il-ħajja fir-rigward tal-ħiliet diġitali, filwaqt li saħqu fuq il-bżonn li tiġi eliminata d-differenza bejn il-ġeneri u li jiġi involut is-settur privat. Il-kontributi indikaw l-importanza li tiġi kondiviża informazzjoni dwar azzjonijiet immirati lejn it-titjib tal-ħiliet tal-popolazzjoni attiva u ż-żieda fl-għadd ta' speċjalisti tal-ICT.

#### 11. a) Appoġġ fit-telekomunikazzjoni għall-Ukrajna<sup>1</sup>

*Informazzjoni mill-Kummissjoni*

#### b) **Proposti leġiżlattivi attwali** (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

**Regolament dwar ir-rispett għall-ħajja privata u l-protezzjoni ta' data personali f'komunikazzjoni elettronika (Regolament dwar il-Privatezza Elettronika)**

  5358/17  
+ **REV 1 (pt)**

*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tas-sitwazzjoni attwali tan-negozjati dwar dan il-fajl.

#### c) **Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali**



*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tas-sitwazzjoni attwali tan-negozjati dwar dan il-fajl.

#### d) Inizjattivi internazzjonali fil-qasam diġitali (b'enfasi fuq it-

TTC u s-sħubijiet diġitali): sitwazzjoni attwali

*Informazzjoni mill-Kummissjoni*

#### e) Laqgħa ta' esperti ta' livell għoli dwar il-governanza u l-infurzar tar-regoli tal-Unjoni fl-isfera diġitali (virtwali, 17 ta' Ottubru 2022)

15172/22

*Informazzjoni mill-Presidenza*

---

<sup>1</sup> Fil-preżenza tas-Sinjura Valeriya Ionan, Viċi Ministru għall-Ukrajna għall-Eurointegrazzjoni.

- f) Konferenza dwar il-Futur Diġitali Sigur u Innovattiv tal-UE (Praga, 3-4 ta' Novembru 2022)  
*Informazzjoni mill-Presidenza*
- g) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss  
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Żvediża*

- 
- ❶ L-ewwel qari
  - ❷ Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)
  - ❸ Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni
-



- o B'mod simili, l-użu ta' sistemi ta' kategorizzazzjoni bijometrika u sistemi tar-rikonoxximent tal-emozzjonijiet jenħtieġ li jiġi projbit bħala regola ġenerali u jenħtieġ li jkun possibbli biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali soġġett għal konformità ma' standards stretti tas-sigurtà. Sempliċi obbligu ta' trasparenza, kif inhu previst fl-Artikolu 52, mhuwiex biżżejjed biex jiġu indirizzati b'mod adegwat ir-riskji li huma inerenti f'dawn is-sistemi.
- o L-approċċ ġenerali jipprevedi biss involviment fakultattiv tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali tal-protezzjoni tad-data fl-istabbiliment ta' ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja (Artikolu 53 (1c): "Fejn xieraq..."). Fil-fehma tal-Awstrija, l-involviment tal-awtoritajiet superviżorji tal-protezzjoni tad-data fl-istabbiliment ta' ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja, li fihom tiġi pproċessata wkoll data personali, jenħtieġ li jkun obbligatorju.
- o L-eżenzjoni tal-parteciċipanti f'ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja mill-impożizzjoni ta' multi, kif previst fl-Artikolu 53(3), mhijiex konsistenti mal-Artikolu 83 GDPR, li ma jipprevedix eżenzjoni bħal din f'każijiet ta' ksur tal-protezzjoni tad-data. Sa fejn dan jikkostitwixxi titolu eżekuttiv lill-awtoritajiet superviżorji tal-protezzjoni tad-data, dan imur kontra l-Artikolu 52 GDPR minħabba li l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jridu jaġixxu b'mod kompletament indipendenti meta jwettqu l-kompiti tagħhom skont l-Artikolu 52(1) GDPR u jridu jkunu jistgħu jiddeċiedu dwar l-impożizzjoni ta' multi b'mod kompletament indipendenti.
- o L-istruzzjoni fit-tieni sentenza tal-Artikolu 53(3) lill-awtoritajiet superviżorji tal-protezzjoni tad-data involuti fl-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja biex "jeżerċitaw is-setgħat superviżorji tagħhom b'mod flessibbli" u biex jużaw "is-setgħat diskrezzjonali tagħhom [...] bl-objettiv li jappoġġaw l-innovazzjoni fl-IA fl-Unjoni" tinterferixxi fl-indipendenza tat-tehdid ta' deċiżjonijiet tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u għalhekk tmur kontra l-Artikolu 52 GDPR.
- o L-Artikolu 54(1) jipprevedi awtorizzazzjoni ġenerali, indiskriminata u orizzontali għall-ipproċessar ta' kwalunkwe data personali fl-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja. Mill-perspettiva tal-protezzjoni tad-data, din id-dispożizzjoni hija vaga wisq u għalhekk ma tistax tikkostitwixxi bażi legali għall-ipproċessar tad-data. L-użu mill-ġdid tad-data personali miġbura għal għan jew għanijiet speċifiċi li ma jkollhomx konnessjoni sostantiva jew formali mal-għan inizjali mhuwiex prevedibbli għas-suġġett tad-data. Sal-punt sa fejn id-dispożizzjoni hija intenzjonata li tkun għamla ta' użu mill-ġdid li jkun "kompatibbli" skont it-tifsira tal-Artikolu 6(4) GDPR, jenħtieġ li jiġi osservat li l-Artikolu 54(1) ma jikkostitwix miżura meħtieġa u proporzjonali f'soċjetà demokratika biex jiġu ssalvagwardjati l-objettivi msemmija fl-Artikolu 23(1) skont l-Artikolu 6(4) GDPR. Barra minn hekk, id-dispożizzjoni ma tidistingwix bejn kategoriji speċjali ta' data personali skont l-Artikolu 9(1) GDPR u data personali oħra. Fil-fehma tal-Awstrija, l-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' data personali mhuwiex permissibbli abbażi tal-Artikolu 6(4) GDPR u jmur kontra l-valutazzjoni tar-riskju li tinfed il-GDPR.
- o Barra minn hekk, l-Artikolu 54(1) jinjora kompletament il-prinċipju tal-protezzjoni tad-data tal-minimizzazzjoni tad-data skont l-Artikolu 5(1)(c) GDPR, minħabba li la hemm limitazzjoni fuq il-kamp ta' applikazzjoni u lanqas fuq il-kategoriji ta' data personali li potenzjalment tiġi pproċessata fl-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja. Matul in-negozjati, bħala alternattiva l-Awstrija pproponiet l-inklużjoni ta' klawsola ta' ftuħ għal awtorizzazzjonijiet għall-ipproċessar tad-data speċifiċi għas-settur li jaġmilha possibbli li jiġu identifikati s-sorsi tad-data u l-kategoriji tad-data tipiċi u għalhekk jiġu żgurati l-prevedibbiltà u l-proporzjonalità tal-ipproċessar tad-data.

- o Għall-kuntrarju tal-Artikolu 5(1)(e) GDPR, il-proposta ma tippredix perjodu massimu ta' żamma għad-data personali f'ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja. Barra minn hekk, billi l-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja jistgħu jiġu stabbiliti għal perjodu ta' żmien indefinit, id-data personali miżmuma fihom tkun aċċessibbli u tkun tista' tiġi pproċessata b'mod permanenti għal perjodu ta' żmien mingħajr limitu.
- o Bħala regola, in-nies affettwati minn deċiżjonijiet ibbażati fuq sistemi tal-intelliġenza artifiċjali (eż. klassifikazzjonijiet tal-kreditu) la jiġu infurmati li d-deċiżjoni tkun ittieħdet bl-użu ta' intelliġenza artifiċjali u lanqas ma jingħataw informazzjoni dwar il-bażi u l-parametri tad-deċiżjoni. Għalhekk, fl-interessi tat-trasparenza u ċ-ċertezza legali, u biex tiġi promossa intelliġenza artifiċjali li tista' tiġi fdata, kwalunkwe deċiżjoni li ssir abbażi tal-intelliġenza artifiċjali jenħtieġ li tiġi akkumpanjata minn informazzjoni obbligatorja dwar ir-rwol tal-intelliġenza artifiċjali fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet, liema parametri huma applikati u liema data tal-input ġiet ipproċessata. Din l-informazzjoni hija essenzjali għal dawk affettwati sabiex ikunu jistgħu jifhmu d-deċiżjoni u, jekk ikun meħtieġ, joġġezzjonaw għaliha. L-Awstrija ressqet proposta speċifika għall-abbozzar f'dan ir-rigward.
- o L-Artikolu 7(1)(a) jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni Ewropea biex, jekk ikun meħtieġ, temenda l-Anness III, dment li s-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali jaqgħu taħt il-punti 1 sa 8 tal-Anness III. Xi applikazzjonijiet rilevanti għall-konsumatur, bħal prodotti konnessi jew assistenti virtwali, huma koperti mill-Anness II iżda mhux mill-Anness III. Jekk il-Kummissjoni Ewropea tiddetermina li l-effetti legali jew kumparabbli tagħhom jiġġustifikaw l-inklużjoni tagħhom fil-lista ta' sistemi b'riskju għoli f'konformità mal-Anness III, dawn ma jaqgħux taħt il-punti 1 sa 8 tal-Anness III u għalhekk ma jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni. Għalhekk, l-Awstrija pproponiet l-inklużjoni ta' punt addizzjonali fl-Anness III bil-formulazzjoni li ġejja: "L-użu minn gruppi vulnerabbli jew f'sitwazzjonijiet li jimplikaw vulnerabbiltà għar-riskji għad-drittijiet fundamentali". Inkella, il-Kummissjoni Ewropea ma tkunx tista' żżid il-prodotti għall-konsumatur b'riskju għoli mal-Anness III jekk dan ikun meħtieġ.
- o L-infurzar huwa essenzjali biex id-dritt sostantiv jaħdem fil-prattika. Id-Direttiva (UE) 2020/1828 dwar azzjonijiet rappreżentattivi ġiet adottata biex jonqsu n-nuqqasijiet fl-infurzar għall-konsumaturi. Kemm il-proposta għal Att dwar id-Data (COM(2022) 68) kif ukoll il-proposta għal Direttiva dwar ir-Responsabbiltà għall-IA ((COM(2022) 496) jipprevedu l-inklużjoni tagħhom fl-Anness tad-Direttiva (UE) 2020/1828. Huwa inkomprensibbli li l-proposta għal Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali għadha ma ġietx inkluża fl-Anness tad-Direttiva (UE) 2020/1828.

Fil-fehma tagħna, in-negozjati fi trilogu li jmiss jenħtieġ li jintużaw biex jiġi elaborat u integrat fit-test tad-Direttiva t-tfassib li diġà ressaqna dwar il-protezzjoni tad-data u tal-konsumatur, sabiex l-att legali jiġi emendat b'tali mod li jikkonforma mad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari d-dritt għall-protezzjoni tad-data, u jindirizza t-tfassib importanti dwar il-protezzjoni tal-konsumatur.

L-Awstrija tawgura lill-presidenzi futuri kull suċċess fin-negozjati tat-trilogu."

**Dwar il-punt "B"**  
**nru 7:**

**Regolament li jemenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 fir-rigward l-istabbiliment ta' qafas għal Identità Diġitali Ewropea**  
*Approċċ ġenerali*

**DIKJARAZZJONI MID-DANIMARKA**

"Id-Danimarka tappoġġa l-għan ġenerali tar-Regolament sabiex jiġu żgurati identitajiet diġitali armonizzati, siguri u affidabbli, disponibbli għall-Ewropej kollha. Barra minn hekk, nappoġġaw l-iżvilupp ta' Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali. F'dan ir-rigward, napprezzaw il-ħidma sinifikanti mwettqa fuq dan il-fajl u nistgħu nappoġġaw it-test fl-ispirtu ta' kompromess.

Madankollu, huwa ta' dispjaċir kbir għalina li r-Regolament iżomm ir-rekwiżit li l-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali kollha jridu jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti mil-livell ta' assigurazzjoni "għoli". Fil-fehma tagħna, tali rekwiżit mhuwiex proporzjonat mal-maġġoranza l-kbira tal-każijiet ta' użu għall-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali u ninsabu mħassba li l-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali mhux ser ikunu disponibbli immedjatament għaċ-ċittadini minħabba rekwiżiti bħall-użu ta' hardware estern sigur, id-dipendenza fuq smartphones ġodda u għaljin kif ukoll proċessi onerużi għall-onboarding u l-użu sussegwenti tal-Kartieri.

Fil-fehma tagħna, jekk l-Istati Membri jitħallew joħorġu Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali taħt il-livell ta' assigurazzjoni "sostanzjali", l-adozzjoni u l-użu jkunu ffaċilitati aħjar u jiġi pprovdut il-livell meħtieġ ta' assigurazzjoni għall-maġġoranza l-kbira tal-każijiet.

Barra minn hekk, napprezzaw l-eżenzjoni tal-intrapriżi mikro u żgħar mill-obbligu li jaċċettaw l-użu tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali, madankollu xorta nqisu li t-test attwali tar-regolament jista' jwassal biex ħafna fornituri tas-servizzi jiġu mġiegħla jimplimentaw l-appoġġ għall-kartieri fis-servizzi tagħhom, mingħajr ma jitqiesu l-proporzjonalità, ir-rilevanza u d-domanda għall-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali f'dawn is-servizzi partikolari."

**DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA**

"L-Awstrija tappoġġa l-oġġettiv ġenerali tar-regolament sabiex jinħoloq qafas ta' fiduċja li jippermetti liċ-ċittadini kollha tal-UE jużaw l-identifikazzjoni elettronika b'mod sigur u li jintroduċi l-Portafoll EUDI.

L-aħħar emendi għat-test ifittxu l-armonizzazzjoni taċ-ċertifikazzjoni tal-mezzi tal-eID billi jagħtu mandat lill-Att dwar iċ-Ċibersigurtà (CSA) għall-Portafoll EUDI u għall-mezzi tal-eID li jridu jiġu nnotifikati, rispettivament. Filwaqt li ċ-ċertifikazzjoni armonizzata taċ-ċibersigurtà skont (UE) 2019/881 hija għan mixtieq għal nofs it-terminu, ma hemm l-ebda skema faċilment disponibbli fil-qafas tas-CSA li tkopri b'mod komprensiv la l-Portafolli EUDI u lanqas l-iskemi tal-eID li jridu jiġu nnotifikati.

Kif diġà indikat mill-Awstrija, mhuwiex realistiku li jkun hemm skemi bħal dawn disponibbli fil-perjodi ta' żmien mogħtija bħalissa għall-Istati Membri biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom li jinnotifikaw il-mezzi tal-eID u li joħorġu l-Portafolli EUDI. Din is-sitwazzjoni tista' potenzjalment twassal għal problemi konsiderevoli f'ħafna Stati Membri biex jimplimentaw dan ir-Regolament fil-ħin.

Bħala soluzzjoni *interim*, it-test jitkellem dwar l-Iskema Ewropea taċ-Ċertifikazzjoni taċ-Ċibersigurtà (EUCC). Madankollu, wieħed ta' min jinnota li l-EUCC hija limitata għaċ-ċertifikazzjoni ta' prodotti tal-ICT (ara l-Artikolu 1 tal-EUCC; il-parti 1, it-taqsim 2 tal-ISO IEC 15480, rispettivament), filwaqt li l-Portafoll EUDI u l-mezzi tal-eID ifissru, skont l-għażliet ta' implimentazzjoni, li jistgħu jkunu taħlita ta' prodotti jew servizzi, u b'hekk is-CSA ma tkunx applikabbli.

Aħna naħsbu li hija meħtieġa soluzzjoni parallela alternattiva li tippermetti ċ-ċertifikazzjoni tal-Portafoll fil-konfigurazzjonijiet kollha possibbli, iżda li żżomm l-għan li, fejn applikabbli, tikkonverġi lejn is-CSA. L-Awstrija diġà pproponiet soluzzjoni bħal din billi jiġu previsti valutazzjonijiet tal-konformità li jitwettqu minn korpi akkreditati skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 dment li ma jkunx hemm skemi xierqa taċ-ċibersigurtà.

L-Awstrija kienet involuta b'mod intensiv fin-negozjati u biħsiebha tibqa' sieħba kostruttiva. Għal din ir-raġuni, l-Awstrija tista' taqbel mat-test attwali fis-sens ta' soluzzjoni ta' kompromess. Madankollu, nittamaw li matul in-negozjati tat-trilogu, tkun tista' tinstab soluzzjoni ta' tranżizzjoni Prattika dwar is-suġġett taċ-ċertifikazzjoni."

---